

Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

13123/1/20
REV 1

WTO 329
COASI 141
AGRI 425
PI 76

NOTA TA' TRASMISSJONI

Nru dok. Cion: COM(2020) 697 final/2

Suġġett: Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mongolja dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 697 final/2.

Mehmuż: COM(2020) 697 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2021
COM(2020) 697 final/2

COM(2020)697 final of 12.11.2020 downgraded on 25.1.2021

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mongolja dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Kummissjoni tipproponi li tinnegozja ftehim bilaterali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Mongolja.

1. KUNTEST TAR-RAKKOMANDAZZJONI

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE fil-livell internazzjonali hija element ewlieni tal-politika kummerċjali tal-UE. L-UE tinnegozja biex tiproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE jew permezz ta' ftehimiet kummerċjali inkella permezz ta' ftehimiet "awtonomi" speċifiċi.

L-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Mongolja huma firmatarji tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni (PCA), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2017. L-Artikolu 27(1) tal-PCA li jittratta l-protezzjoni tal-Proprietà Intellettwali jiddikjara li l-Partijiet jaqblu li jikkonkludu malajr kemm jista' jkun Ftehim bilaterali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

L-indikazzjonijiet ġeografiċi huma magħrufa u stabbiliti sew fil-Mongolja, minħabba li attwalment hemm irreġistrati 20 indikazzjoni ġeografika fil-livell nazzjonali permezz ta' liġi speċifika. Ir-reputazzjoni tal-pajjiż għal prodotti tradizzjonali hija opportunità biex jinkisbu benefiċċji ekonomiċi sostanzjali permezz tal-użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Din l-inizjattiva timplimenta l-obbligu li jiġi konkluż ftehim bilaterali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilit fil-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Mongolja.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG) mal-Mongolja tikkonforma mal-istrateġija ġenerali tal-UE dwar il-promozzjoni tal-politika tal-UE dwar l-IG. L-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni diretta għal-listi qosra ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE fil-Mongolja u l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Mongolja fl-UE. L-inizjattiva se tagħti vantaġġ kompetittiv lill-produtturi ta' prodotti li jkollhom indikazzjoni ġeografika. B'mod partikolari, produtturi żgħar fil-Mongolja se jkollhom aċċess aħjar għas-suq enormi tal-UE. L-UE għandha kompetenza esklussiva relatata mal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-protezzjoni ta' prodotti agrikoli fil-livell tal-UE, bħal oġġetti tal-ikel, inbejjed aromatizzati, inbejjed u spirti, madankollu bħalissa ma teżisti ebda sistema ta' protezzjoni fl-UE kollha għal indikazzjonijiet ġeografiċi mhux agrikoli.

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

In-negozjar ta' ftehim bilaterali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi mal-Mongolja huwa konformi mal-azzjonijiet esterni tal-UE u b'mod partikolari mal-objettivi tal-Unjoni rigward l-istrateġija tal-UE għall-promozzjoni tal-politika dwar l-IG.

2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għall-inizjattiva, peress li ma hemm l-ebda għażla ta' politika oħra. Minkejja l-possibbiltà li l-Mongolja tista' tingħaqad fil-futur mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, li l-UE hija membru tiegħu, attwalment l-aktar għażla ta' politika adattata biex jintlaħaq l-objettiv u jiġi implimentat il-PCA, huwa ftehim bejn l-UE u l-Mongolja dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Il-Pjan Direzzjonali dwar il-“Ftehim bejn l-UE u l-Mongolja dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi” ġie ppubblikat fil-11 ta' Ġunju 2019¹.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAR-RAKKOMANDAZZJONI

- **Bażi ġuridika**

Din l-inizjattiva taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE skont l-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), peress li hija parti mill-politika kummerċjali komuni, li hija relatata *inter alia* mal-“aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali”, li jinkludu l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklussiva)**

Ma tapplikax - kompetenza esklussiva.

- **Proporzjonalità**

Id-deċiżjoni hija proporzjonali mal-objettiv.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument huwa previst fl-Artikolu 218 tat-TFUE.

¹ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/11824-EU-Mongolia-agreement-on-protection-of-geographical-indications>

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Ftehim mhu se jkollu l-ebda impatt dirett fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

In-negozjati mistennija jinbdew fit-tieni kwart tal-2021.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li:

- Il-Kunsill jenħtieġ li jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ u tmexxi negozjati għal ftehim bilaterali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Mongolja;
- Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinħatar bħala n-negozjatur tal-UE dwar dan is-suġġett;
- Il-Kunsill jenħtieġ li japprova d-direttivi tan-negozjar annessi ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mongolja dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Mongolja huma firmatarji tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni² (PCA), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2017.
- (2) L-Artikolu 27(1) tal-PCA jipprevedi li l-Partijiet jaqblu li jikkonkludu malajr kemm jista' jkun Ftehim bilaterali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, u b'hekk il-konklużjoni ta' ftehim bilaterali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilit fil-PCA hija l-implimentazzjoni ta' dak l-obbligu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinneogzja, f'isem l-Unjoni, ftehim internazzjonali mal-Mongolja dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Artikolu 2

Id-direttivi tan-negozjar huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni ma' [isem il-kumitat speċjali, li jrid jiddaħħal mill-Kunsill].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, 25.1.2021

*Għall-Kunsill
Il-President*

² Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (ĠU L 326, 9.12.2017, p. 7).